**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0538/2022**

22.11.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fil-Qatar (2022/2948(RSP))

**Katalin Cseh, Abir Al-Sahlani, Barry Andrews, Nicola Beer, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Asger Christensen, Claudia Gamon, Vlad Gheorghe, Klemen Grošelj, Svenja Hahn, Pierre Karleskind, Karin Karlsbro, Billy Kelleher, Moritz Körner, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Šimečka, Nicolae Ştefănuță, Ramona Strugariu**
f'isem il-Grupp Renew

**B9-0538/2022**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fil-Qatar**
**(2022/2948(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2013 dwar il-Qatar: is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti[1] u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rivelazzjonijiet reċenti ta' każijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-FIFA[2],

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) tal-2011 dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)71),

– wara li kkunsidra l-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Fédération Internationale de Football Association (Federazzjoni Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Futbol – FIFA) kif editjata f'Mejju 2017,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 285 tal-kodiċi kriminali tal-Qatar u l-liġi tiegħu Nru 17/2002 dwar il-protezzjoni tal-komunità,

– wara li kkunsidra r-rapporti investigattivi tal-gazzetta The Guardian u tal-Human Rights Watch u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) oħra,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi f'Diċembru 2010, il-FIFA tat lill-Qatar id-dritt li torganizza t-Tazza tad-Dinja tal-2022;

B. billi l-Qatar igawdi l-ogħla prodott domestiku gross per capita fid-dinja minħabba li għandu t-tielet l-akbar riżervi ta' gass naturali fid-dinja; billi 13 % tal-importazzjonijiet tal-gass tal-UE għall-perjodu minn Jannar sa Settembru 2022 ġew mill-Qatar;

C. billi l-maġġoranza l-kbira tal-forza tax-xogħol tal-Qatar hija magħmula minn ħaddiema migranti; billi fl-2014, il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Internazzjonali (ITUC) ressqet ilment kontra l-Qatar quddiem l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) rigward in-nuqqas ta' osservanza tagħha tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat tal-1930 u l-Konvenzjoni tal-Ispezzjoni tax-Xogħol tal-1947;

D. billi s-sistema tal-kafala jew tal-isponsorizzazzjoni użata fil-Qatar sa Diċembru 2016 bħala qafas legali biex jiddefinixxi r-relazzjoni bejn il-ħaddiema migranti u l-

[1] ĠU C 436, 24.11.2016. p 42.
[2] ĠU C 407, 4.11.2016, p. 81.

impjegaturi poġġiet limiti gravi fuq id-drittijiet u l-mobilità tal-ħaddiema u ġiet ikkundannata mill-gruppi tad-drittijiet tax-xogħol bħala forma ta' xogħol furzat; billi investigazzjonijiet indipendenti ripetutament sabu evidenza ta' trattament ħażin tal-ħaddiema, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol inumani u mhux sikuri; billi, skont il-gazzetta The Guardian, mill-2010 mietu madwar 6 500 ħaddiem migrant, li ħafna minnhom mietu b'kawżi relatati max-xogħol minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol estremi; billi, irrispettivament mill-kawża tal-mewt, il-perċentwal ta' ħaddiema żgħażagħ li mietu huwa sostanzjalment ogħla mir-rata medja ta' mwiet għall-grupp ta' età tagħhom;

E. billi l-Qatar huwa l-ewwel pajjiż fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf li laqa' bureau permanenti tal-ILO; billi l-Qatar iffirma għadd ta' sħubijiet mal-ILO, mal-organizzazzjonijiet tan-NU u mal-Istati Membri tal-UE, bħal pereżempju, memorandum ta' qbil mal-Iżvezja f'Jannar 2020 u ma' Franza f'Marzu 2022, biex itejjeb id-drittijiet tal-ħaddiema; billi l-ILO nnutat progress tanġibbli f'dawn l-aħħar ħames snin qabel it-Tazza tad-Dinja tal-FIFA tal-2022;

F. billi skont l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti u l-prosekuturi Żvizzeri li fetħu investigazzjoni kriminali għal allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, il-voti tal-uffiċjali tal-FIFA biex it-tazzi dinjija jkunu jistgħu jiġu organizzati fir-Russja u fil-Qatar setgħu ġew mixtrija; billi f'Ottubru 2010, minn 24 persuna tal-kumitat eżekuttiv tal-FIFA, tnejn ġew sospiżi temporanjament mill-FIFA; billi l-Arabja Sawdija ħabbret il-kandidatura tagħha biex torganizza t-Tazza tad-Dinja tal-2030;

G. billi l-Qatar għamel passi 'l quddiem, għalkemm limitati, biex itejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti, u ħoloq fond ta' kumpens għall-familji tal-vittmi ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol; billi dan il-fond mhuwiex retroattiv u joffri definizzjoni ristretta ħafna ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol; billi r-rapporti tal-Human Rights Watch indikaw li ħafna mwiet naturali huma mwiet relatati max-xogħol li ma ġewx investigati kif xieraq;

H. billi, wara pressjoni internazzjonali, il-Qatar illeġiżla biex jipprevjeni xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni mill-1 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru mill-10.00 sat-15.30, u dan wassal għal tnaqqis irrapportat ta' 70 % fl-għadd ta' ħaddiema li ddaħħlu l-isptar għal xemxati;

I. billi l-liġi kriminali tal-Qatar tipprevedi sentenza sa seba' snin ħabs għal relazzjonijiet sesswali barra ż-żwieġ, inklużi relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess; billi d-delitt iffurmulat bi kliem vag ta' ksur tal-moralità pubblika jippermetti detenzjoni proviżorja sa sitt xhur skont il-Liġi tal-Komunità 17/2002; billi fit-8 ta' Novembru 2022, Khalid Salman, ambaxxatur tat-Tazza tad-Dinja tal-Qatar tal-FIFA u ex plejer tal-futbol, esprima fehmiet omofobiċi kontra persuni LGBTIQ waqt intervista fuq it-televiżjoni Ġermaniż; billi 69 pajjiż, inkluż il-Qatar, għadhom jikkriminalizzaw l-omosesswalità; billi l-persuni LGBTIQ jibżgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom fil-pubbliku fir-reġjun; billi lejn l-aħħar tal-2016, il-gazzetta Doha News tal-Qatar ġiet iċċensurata wara li ppubblikat artiklu ta' opinjoni minn ċittadin omosesswali Qatari li ddenunzja klima ta' biża'; billi, kif dokumentat mill-Human Rights Watch, persuni LGBTIQ ġew arrestati reċentement, f'Settembru 2022, mill-awtoritajiet tal-Qatar unikament għall-identità sesswali tagħhom u ġew rilaxxati bil-kundizzjoni li jieħdu l-hekk imsejħa terapija ta' konverżjoni;

J. billi fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2022, flimkien ma' 17-il pajjiż ieħor, il-Qatar ivvota kontra t-tiġdid tal-mandat tal-espert indipendenti tan-NU dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

K. billi seba' federazzjonijiet tal-futbol, inkluż fl-UE, iddeċidew li l-plejers tagħhom jistgħu jilbsu faxxa "OneLove" bil-kuluri tal-qawsalla; billi l-FIFA madankollu ddeċidiet li thedded lill-plejers b'karta safra jekk iwasslu messaġġ bħal dan matul it-Tazza tad-Dinja;

L. billi fl-2016 il-FIFA ffirmat il-prinċipji gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, li jġiegħlu lill-FIFA toqgħod lura milli tinterferixxi fid-drittijiet tal-bniedem u jirrikjedu li l-FIFA tindirizza l-effetti negattivi tal-attivitajiet tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

M. billi n-nisa tal-Qatar għadhom taħt it-tutela ta' żewġhom jew tal-qraba rġiel tagħhom;

1. Jikkundanna l-ksur sistematiku min-naħa tal-Qatar tad-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema migranti mill-awtoritajiet tal-Qatar kif ukoll mill-kumpaniji inkarigati mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni marbuta mat-Tazza tad-Dinja tal-Qatar tal-2022;

2. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza li mmarkat l-għoti tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA lill-Qatar fl-2010; jikkundanna n-nuqqas ċar ta' valutazzjoni tar-riskju responsabbli min-naħa tal-FIFA meta vvalutatat l-adegwatezza tal-Qatar li jorganizza avveniment sportiv internazzjonali ewlieni; jissottolinja li avvenimenti oħra bħal dawn ukoll kienu kkaratterizzati min-nuqqas ta' trasparenza u standards tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fil-każ tal-Olimpjadi tax-xitwa tal-2014 li saru f'Sotchi, ir-Russja; ifakkar il-fehma li ilu jħaddan li l-korruzzjoni fi ħdan il-FIFA hija rampanti, sistemika u b'għeruq fondi, u għadu jemmen li l-organizzazzjoni għamlet ħsara serja lill-immaġni u lill-integrità tal-futbol globali;

3. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinfurmaw lill-Parlament fuq bażi regolari dwar ir-riformi soċjali tal-Qatar, b'attenzjoni speċjali għall-implimentazzjoni konkreta tal-leġiżlazzjonijiet tiegħu, inkluż mill-kumpaniji Ewropej fil-Qatar; jiddeplora bil-qawwa l-fatt li bosta kumpaniji, fosthom kumpaniji Ewropej, naqsu milli jirrispettaw l-obbligi tagħhom rigward imġiba responsabbli fin-negozju; itenni t-talba tiegħu lill-Qatar biex jirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom;

4. Jisħaq li l-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem għandhom perkorsi legali biex ifittxu ġustizzja u jżommu lill-kumpaniji bbażati fl-UE responsabbli skont il-liġijiet eżistenti dwar id-diliġenza dovuta f'xi Stati Membri; jilqa' l-ħidma li għaddejja fil-livell tal-UE dwar id-direttiva dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva li se tkompli tespandi tali perkorsi legali; iqis li l-kumpaniji rilevanti naqsu milli jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar[3] u dawk li jirriżultaw minn konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti

[3] ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1.

internazzjonalment;

5. Iħeġġeġ lill-Qatar, l-aktar pajjiż sinjur per capita fid-dinja, jipprovdi kumpens retroattiv lill-familji tal-eluf ta' vittmi li mietu fuq il-post tax-xogħol jew minħabba l-kundizzjonijiet fuq il-post; iħeġġeġ lill-Qatar ifassal rieżami bir-reqqa tal-ġbir tad-data u l-istandards ta' inkjesta tiegħu sabiex iżid it-trasparenza u r-responsabbiltà f'każijiet ta' korrimenti u mewt relatati max-xogħol, f'koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-ILO u l-ITUC;

6. Jilqa' l-fatt li l-Qatar abolixxa s-sistema tal-kafala li kienet tfisser li l-viżi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema barranin kienu biss f'idejn iċ-ċittadini tal-Qatar, li ċaħħduhom mid-drittijiet bażiċi bħad-dritt li jieqfu mix-xogħol jew li jitilqu mill-pajjiż; jenfasizza l-fatt li minkejja l-abolizzjoni uffiċjali tas-sistema, għad fadal ħafna abbużi;

7. Jilqa' l-ħolqien ta' sindakati fi ħdan il-kumpaniji; jistieden, madankollu, lill-Qatar jippermetti l-unjonijiet nazzjonali f'konformità mal-istandards internazzjonali; iħeġġeġ lill-Qatar jagħti mill-inqas ġurnata franka fil-ġimgħa lill-ħaddiema domestiċi;

8. Jilqa' l-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-Qatar kontra s-sħana fuq is-siti ta' kostruzzjoni; jistieden lill-pajjiżi kollha tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf jadottaw leġiżlazzjoni simili u jimplimentawha bis-sħiħ; iħeġġeġ lill-Qatar jipproċedi b'riformi aktar profondi biex ikompli jmexxi lill-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf fir-riformi soċjali;

9. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi d-dikjarazzjonijiet li għamel Khalid Salman, ambaxxatur tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA tal-Qatar u ex plejer tal-futbol; jinnota u jilqa' d-dikjarazzjonijiet uffiċjali li saru mit-tmexxija politika tal-Qatar li "kulħadd huwa merħba bih" biex jattendi, inklużi l-persuni LGBTIQ; jistieden lill-Qatar jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha li jattendu t-Tazza tad-Dinja tal-2022, iżda wkoll għad-drittijiet tal-bniedem tal-komunità lokali tiegħu stess matul u wara l-avvenimenti sportivi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Qatar jieqfu jagħtu fastidju u jintimidaw lill-persuni LGBTIQ u jipprojbixxu kwalunkwe impożizzjoni tal-hekk imsejħa terapija ta' konverżjoni; jissottolinja l-fatt li għalkemm il-Qatar huwa relattivament aktar miftuħ mill-ġirien reġjonali tiegħu, dan ma jiskużax ksur bħal dan;

10. Jirrikonoxxi li avvenimenti sportivi enormi jistgħu joħolqu sens ta' komunità u appartenenza, fejn l-interazzjoni bejn il-kulturi u l-identitajiet toħloq spazju għall-għaqda; iqis, madankollu, li l-ebda dritt ta' persuna għal-libertà tat-twemmin minn kwalunkwe kultura ma jista' jintuża biex jiġġustifika d-diskriminazzjoni jew it-trattament ħażin fil-konfront ta' oħrajn;

11. Iħeġġeġ lill-FIFA biex tirrispetta l-karta u l-obbligi tagħha stess skont il-prinċipji gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u biex tieqaf tinterferixxi fid-deċiżjonijiet li jieħdu l-federazzjonijiet tal-futbol dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Jinnota x-xejra globali lejn id-dekriminalizzazzjoni tar-relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess; jistieden lill-Qatar jirrevoka l-Artikolu 285 tal-kodiċi kriminali tiegħu u l-liġijiet relatati l-oħra kollha; jikkundanna l-arrest arbitrarju u t-trattament ħażin tal-persuni LGBTIQ; jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-każijiet irrapportati ta'

attakk sesswali f'kustodja;

13. Iħeġġeġ lill-Qatar jabolixxi t-tutela tan-nisa bħala sistema fundamentalment difettuża li tagħmel ħsara lill-iżvilupp tal-pajjiż; iħeġġeġ lill-Qatar imexxi r-reġjun fil-kuntest tal-protesti favur id-drittijiet tan-nisa li saru fl-Iran mill-qtil ta' Mahsa Amini ta' 21 sena u r-ripressjoni kontra d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija u fl-Emirati Għarab Magħquda;

14. Jinnota u jilqa' t-tħassib profond tal-Qatar espress wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jilqa' d-deċiżjonijiet importanti tal-Qatar li jivvota favur ir-riżoluzzjonijiet rilevanti kollha tan-NU dwar il-kwistjoni, b'kuntrast ma' diversi membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf;

15. Jinnota t-tbegħid reċenti tal-Qatar mill-movimenti Iżlamisti bħall-Fratellanza Musulmana wara l-ftehimiet ta' al-Ula tal-2021; jissottolinja, madankollu, l-impatt devastanti tal-finanzjament kontinwu tiegħu tal-Fratellanza Musulmana madwar id-dinja fuq il-promozzjoni tal-valuri progressivi u demokratiċi; jistieden lill-mezzi kollha tal-media fir-reġjun jirrispettaw standards ogħla tal-media u jippromwovu ambjent medjatiku b'saħħtu, ħieles u indipendenti;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll lill-Gvern tal-Qatar u lill-Assemblea Konsultattiva magħrufa bħala l-Kunsill Shura.